**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 1129/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**MARTHA MICALLEF**
**(I.D. 0449166M)**

**Illum, 11 ta' Dicembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **MARTHA MICALLEF,** detentrici tal-karta ta' l-identita' numru: 0449166M tressqet quddiemha akkuzata talli:

1. Nhar l-24 ta' Frar 2011 f'dawn il-Gzejjer quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja, ghamlet dikjarazzjoni malafamanti u/jew ingurjuzi u/jew li jnaqqsu l-unur tal-mitteni cioe' familja Borg;
2. U aktar tard, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' xi hadd, weggat bil-kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor lil Familja Borg;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika garanzija fuq il-Familja Borg skond Art.383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Rat li din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'digriet moghti mis-STO il-Prim'Imhallef datat 16 ta' Lulju 2018;

Rat li giet ezentata mill-Prosekuzzjoni, il-parte civile kif ukoll id-difiza milli terga' tisma' hija stess ix-xhieda li diga` ddeponew quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat il-provi, dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-parte civile u tad-difiza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel imputazzjoni li biha qed tigi mixlija l-imputata tirreferi ghal dikjarazzjoni li hija ghamlet quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja fl-24 ta' Frar 2011, liema dikjarazzjoni qed jigi allegat li hija malafamanti u/jew ingurjuza u/jew li tnaqqas l-unur tal-familja Borg. It-tieni imputazzjoni taddebita lill-imputata r-reat tal-ingurja taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 5.

Minn ezami tal-atti, jirrizulta li l-allegata ingurja saret, skont il-parte civile, permezz ta' rikors u z-zewg affidavits li gewipprezentati mill-imputata quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] fil-kawza ta' separazzjoni bejn l-istess imputata u zewgha[2], li fihom hija allegat li kien hemm okkazjoni meta certu Christopher Borg hedded lil u hebb b'sikkina ghal uliedha - li jigu l-kugini tal-imsemmi Christopher Borg - jew ghal xi hadd minnhom, meta l-istess uliedha kienu qeghdin ghand in-nanna paterna taghhom. Ir-rikors ipprezentat mill-imputata fil-proceduri civili fuq imsemmija (Dok. CC1 a fol. 16) - liema rikors ma jirrizultax li gie kkonfermat bil-gurament tal-imputata - huwa datat 12 ta' Frar 2007 filwaqt illi wiehed mill-affidavits taghha gie pprezentat fl-14 ta' Novembru 2009 (Dok. CC3 a fol. 53). Ma jirrizultax f'liema data gie pprezentat fil-Qorti l-affidavit esebit bhala Dok. CC2 a fol. 19 ghalkemm l-istess affidavit jindika li dan gie guramentat fl-24 ta' Frar 2011.

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm fic-citazzjoni tal-kawza odjerna hemm indikat li l-ewwel imputazzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 106(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, effettivament id-dicitura uzata biex tiddeskrivi r-reat addebitat fl-ewwel akkuza ma tinkwadra bl-ebda mod fl-imsemmi Artikolu 106(3) li testwalment jipprovdi s-segwenti:-

*Kull min jagħmel <u>affidavit falz</u>, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f 'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1).*

[2] Gaetano Micallef vs Martha Micallef - Rikors 55/2007.

Ghalkemm huwa risaput illi l-Qorti m'hijiex marbuta bl-indikazzjoni tal-Artikoli tal-ligi indikati fic-citazzjoni, u galadarba l-imputazzjoni tkun giet redatta sostanzjalment skont id-dicitura tal-artikolu relattiv li jikkontempla r-reat addebitat, b'mod li ma jkun hemm ebda ekwivoku dwar in-natura tar-reat li bih l-imputat ikun qed jigi mixli, tista' ssib htija taht artikolu tal-ligi differenti minn dak indikat mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni. F'kull kaz, kif inhuwa risaput, l-indikazzjoni tal-artikolu relevanti tal-ligi fic-citazzjoni lanqas ma hija mandatorja.

Fi kwalsiasi kaz pero`, l-imputazzjoni kif redatta mkien ma fiha l-addebitu tal-falz imsemmi fl-Artikolu 106(3) tal-Kapitolu 9, izda biss dak tal-malafama, ingurja u/jew tnaqqis tal-unur tal-parte civile. Huwa l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 9 li jipprospetta r-reat tal-ispergur fi proceduri civili[3], izda ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti hija prekluza milli ssib htija taht l-Artikolu 106(3) citat.

Il-Qorti qieghda taghmel dawn l-osservazzjonijiet specifikatament minhabba l-fatt li minn ezami tal-atti processwali, fosthom ir-rapport li sar mill-parte civile[4] u x-xhieda ta' Raymond Borg[5], huwa manifest li l-enfasi fix-xhieda mressqa mill-parte civile huwa fuq il-falzita` tal-allegazzjonijiet li saru mill-imputata dwar incident partikolari f'xi dikjarazzjonijiet bil-miktub li hija pprezentat fl-atti tal-proceduri tas-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha quddiem il-Qorti Civili Sezzjoni Familja. Effettivament, Raymond Borg xehed li oltre ghal dikjarazzjonijiet inveritieri li saru mill-imputata f'diversi atti pprezentati minnha fil-kawza msemmija, hija wkoll bidlet il-verzjoni dwar incident li ddeskriviet fir-rikors taghha tat-12 ta' Frar 2007, meta sussegwentement fl-affidavit li pprezentat fl-atti tal-istess kawza fl-14

[3] Ara nota marginali Art. 106.
[4] Dok. CC4 a fol. 54.
[5] Seduta 4 ta' Gunju 2013 u 13 ta' Novembru 2013.

ta' Novembru 2009 ghamlet dikjarazzjoni konfliggenti li tikkunstrasta mal-ewwel verzjoni taghha dwar l-allegat incident, u regghet ghamlet dikjarazzjoni b'allegazzjoni differenti u kontrastanti fl-affidavit ulterjuri taghha tal-24 ta' Frar 2011.

Madanakollu, il-fatt jibqa' li fl-ewwel imputazzjoni kif redatta ma jikkonfigura bl-ebda mod ir-reat kontemplat taht l-Artikolu 106(3) tal-Kodici Kriminali. Barra minn hekk, jigi osservat li baqghet ma saret ebda talba mill-prosekuzzjoni jew mill-parte civile ghal korrezzjoni fl-akkuzi biex ma' dawn tizdied akkuza dwar ir-reat prospettat taht l-Artikolu 106(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kaz huwa evidenti li l-ewwel imputazzjoni xejn ma giet redatta b'mod felici, u ghalkemm tista' tinftiehem li tirreferi ghad-delitt tal-ingurja taht l-Artikolu 252 illum abrogata[6], dan jifforma appuntu l-mertu tat-tieni imputazzjoni li sejra tigi trattata iktar 'il quddiem. Skont kif ritenut diversi drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali, wahda mill-funzjonijiet tac-citazzjoni hija li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu sew[7], u sabiex dan il-ghan jintlahaq, ic-citazzjoni ghandha tirriproduci <u>talanqas sostanzjalment</u> il-kliem tal-ligi, haga li ma saritx f'din l-ewwel imputazzjoni.

Huwa minnu li hemm ukoll ir-reat kontravvenzjonali tal-ingurja taht l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9[8], izda l-Qorti mill-ewwel tosserva li dan ir-reat ma jinkwadrax fil-fattispecje ta' dan il-kaz. Dan ghaliex huwa assodat fil-

---

[6] Bis-sahha tal-Att XI tal-2018, Artikolu 25(e), ir-reat tal-ingurja u r-reat tal-libell kontemplati fl-Artikoli 252 sa 256 tal-istess Kapitolu 9, gew abrogati.

[7] Ara fost ohrajn, Il-Pulizija vs. Joseph Buttigieg, deciza fl-25 ta' Lulju 1994 u Il-Pulizija vs Charles Chircop, deciza fil-5 ta' Mejju 1994, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

[8] 339. (1) *"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min:- … … … (e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

gurisprudenza tal-Qrati taghna illi r-reat kontravvenzjonali tal-ingurja taht l-Artikolu 339(1)(e) huwa identifikabbli f'insulti li jibqghu bejn l-agent u l-persuna li lilha jigu indirizzati, minghajr ma dawn jigu komunikati lil terza persuna, mentri fil-kaz odjern, id-dikjarazzjonijiet saru bil-miktub u gew ipprezentati fl-atti ta' kawza quddiem il-Qorti Civili u kwindi, kienu accessibbli lil terzi persuni.

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Vella** deciz fit-30 ta' April 2001:-

"*Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi jridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ('with the object of destroying or damaging the reputation of any person', fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontrravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali.*"

Ikkunsidrat ulterjorment;

Ghall-kompletezza, il-Qorti tqis li ghandha zzid tghid illi anke kieku llum setghet jew ghandha tinsab htija fl-imputata, mil-lat sostantiv, taht l-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 ghall-ingurja lilha addebitata, jigi osservat li bhala kontravvenzjoni, ir-reat tal-ingurja taht l-Artikolu 339(e) igorr perijodu preskrittiv ta' tliet xhur a tenur tal-Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9. F'dan il-kaz, mill-atti jirrizulta illi filwaqt li l-allegata ingurja tikkoncerna dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputata fit-12 ta' Frar 2007, fl-14 ta' Novembru 2009 u fl-24 ta' Frar 2011, ic-citazzjoni tal-kawza giet ipprezentata fl-10 ta' Ottubru 2011.

Konformament, billi jirrizulta li dawn il-proceduri gew istitwiti ferm iktar minn tliet xhur wara d-dikjarazzjonijiet allegatament malafamanti u ingurjuzi, il-Qorti ma tistax hlief tqis bhala preskritta kull azzjoni taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk, filwaqt li fic-cirkostanzi il-kontravvenzjoni taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 ma jirrizultax li hija applikabbli f'dan il-kaz u fi kwalunkwe kaz il-proceduri huma kolpiti bil-preskrizzjoni, l-applikazzjoni o meno tal-Artikolu 252 ghall-kaz odjern sejra tigi kkunsidrata taht il-kappa tat-tieni imputazzjoni billi huwa evidenti li din tal-ahhar giet tabilhaqq imsejsa fuq id-delitt tal-ingurja ai termini tal-istess Artikolu 252 tal-Kapitolu 9.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputata ghall-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Il-Qorti tibda billi taghmel is-segwenti osservazzjonijiet preliminari fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li, evidentement, taddebita lill-imputata r-reat kontemplat fl-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9.

Ghalkemm dan l-Artikolu kien ghadu *in vigore* meta l-proceduri odjerni gew istitwiti kontra l-imputata f'Ottubru tas-sena 2011, kif diga` nghad id-delitt tal-ingurja gie abrogat b'effett tal-Att XI tal-2018[9]. Huwa minnu li l-kwistjoni tat-tnehhija tar-reat taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 u l-effett li din l-abrogazzjoni jista' jkollu fuq il-proceduri rigward it-tieni imputazzjoni, ma giet imqanqla la mill-prosekuzzjoni u l-parte civile u lanqas mid-difiza, izda l-

[9] Artikolu 25: *Emendi konsegwenzjali għall-Kodiċi Kriminali. Kap. 9:-*
25. *"Il-Kodiċi Kriminali għandu jiġi emendat kif ġej:- … … … (e) l-artikoli 252, 253, 254, 255 u 256 tiegħu għandhom jitħassru u t-titolu tas-Subtitolu X tat-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-kliem "FUQ ILKXIF TA' INFORMAZZJONI RIĊEVUTA B'SIGRIET""*.

Qorti tifhem li dan l-izvilupp legislattiv ma jistax ma jinghatax id-debitu qies fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar it-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi bla dubju, filwaqt li llum meta l-Qorti waslet biex taghti l-gudizzju taghha f'din il-kawza, ir-reat partikolari rravvizat fl-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 ma ghadux jezisti, dan kien ghadu fis-sehh fiz-zmien meta saru d-dikjarazzjonijiet allegatament ingurjuzi mill-imputata (id-data msemmija fic-citazzjoni hija l-24 ta' Frar 2011). Jigi osservat li mid-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Att XI tal-2018 mhuwiex immedjatament evidenti jekk dawk il-proceduri kriminali dwar ir-reat kontra d-dispozizzjonijiet imhassra tal-imsemmi Artikolu 252, li kienu ghadhom pendenti fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-istess Att fit-18 ta' Mejju 2018, ghandhomx jitkomplew daqslikieku r-reat ghadu fis-sehh. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li ghandha tistharreg u tiddetermina jekk, ghad li r-reat in kwistjoni ma ghadux jezistu fiz-zmien tal-gudizzju, tistax xorta wahda tinsab htija abbazi tal-Artikolu 252.

Ikkunsidrat;

Kif inghad, f'dan il-kaz l-Artikolu 252 gie mhassar *sic et simpliciter* bis-sahha tal-Artikolu 25(e) tal-Att XI tal-2018, minghajr ma saret ebda rizerva jew *saving clause* li tikkjarifika l-pozizzjoni legali dwar il-procedimenti pendenti taht il-ligi mhassra fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-Att imsemmi, u minghajr ukoll ma r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu gie traspost espressament f'dispozizzjoni ekwivalenti fil-Kapitolu 579 introdott bis-sahha tal-istess Att XI tal-2018, jew fil-Kapitolu 9.

Din il-pozizzjoni tikkuntrasta ma' dik postulata mill-Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018, in kwantu ghall-abrogazzjoni tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta

(l-Att dwar l-Istampa), li jipprovdi espressament li t-thassir tal-Att dwar l-Istampa huwa minghajr hsara ghad-dispozizzjonijiet sussegwenti tal-istess Artikolu, kif ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taht l-istess Att. Fil-fatt, riferibbilment ghat-thassir tal-Att dwar l-Istampa, is-subartikolu (2) tal-Artikolu 33 tal-Att XI tal-2018 jipprovdi espressament hekk:-

*"Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar:"*

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi b'effett tal-imsemmi Artikolu 33(4) tal-Att XI tal-2018, il-kawzi kriminali li kienu pendenti taht il-ligi tal-istampa (l-imsemmi Kapitolu 248) qabel l-introduzzjoni tal-Att XI 2018, kellhom jieqfu bid-dhul fis-sehh tal-imsemmi Att:-

*"(4) Kwalunkwe proċeduri kriminali istitwiti taħt l-Att imħassar qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att u li, mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, ikunu għadhom għaddejjin quddiem xi qorti, għandhom jieqfu."*

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis li meta l-legislatur, fl-abrogazzjoni tal-libelli kriminali taht il-Kapitolu 248 u t-thassir tar-referenza li kien hemm fl-Artikolu 256 tal-Kapitolu 9 ghall-istess libelli kriminali, hassar ukoll bl-istess daqqa ta' pinna l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9, dan x'aktarx sar b'*lapsus* ghaliex iz-zewg reati huma ferm distinti in kwantu l-kondotta li taghti lok ghar-reat. Fil-fatt, il-libell, li jikkoncerna materjal stampat, evidentement thassar bil-ghan li jigi assigurat li l-liberta` tal-espressjoni tal-istampa ma tigix iktar imxekkla bit-theddida ta' responsabbilita` kriminali u l-pieni ta' natura kriminali li din

iggib maghha[10]. Mizmum ferm il-premess, il-Qorti tifhem il-htiega tat-tnehhija b'mod assolut tar-responsabbilita` kriminali ghal-libelli kriminali mibdija taht l-Att dwar l-Istampa li kienu ghadhom pendenti fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-Att XI tal-2018 u t-twaqqif b'effett immedjat tal-proceduri kriminali pendenti, izda ma tifhimx il-htiega li jitnehha wkoll id-delitt tal-ingurja mhux bil-mezz stampat.

Il-Qorti tifhem ukoll illi fil-kaz tat-thassir tal-Att dwar l-Istampa, dispozizzjoni specifika dwar it-twaqqif tal-proceduri kriminali ta' libell istitwiti taht dik il-ligi u li kienu ghadhom pendenti fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att XI tal-2018, kienet tabilhaqq mehtiega minhabba l-generalita` tal-Artikolu 33(2) dwar l-applikazzjoni kontinwata tal-Att dwar l-Istampa ghall-kawzi pendenti fil-qorti fiz-zmien li jithassar, u kwindi sabiex issir distinzjoni bejn il-proceduri civili (li kellhom jitkomplew u jkomplu jigu regolati bl-istess Kapitolu 248) u dawk kriminali mibdija taht l-imsemmi Att (li kellhom jieqfu b'effett immedjat).

Huwa evidenti li r-*ratio legis* tal-Att XI tal-2018 huwa appuntu de-kriminalizzazzjoni assoluta tad-delitt tal-libell taht il-Ligi tal-iStampa li ghalih kien jaghmel referenza wkoll l-Artikolu 256 tal-Kapitolu 9, u l-konsegwenti twaqqif tal-proceduri kriminali, izda mhux dawk civili, pendenti fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att. Ghalkemm wiehed jista' jifhem li l-korollarju necessarju tal-istipolazzjoni fl-Artikolu 33(4) tal-Att XI tal-2018 illi l-kawzi dwar libell kriminali taht il-ligi tal-istampa ma ghandhomx jitkomplew, huwa illi ma ghandhomx jitkomplew lanqas l-proceduri kriminali tal-ingurja mibdijin taht il-Kodici Kriminali meta d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 252 kienu ghadhom fis-sehh, il-Qorti ma taqbilx li din hija l-pozizzjoni legali korretta.

[10] Rapport Finali tal-Kummissjoni ghal Riforma Holistika fil-Qasam tal-Gustizzja – Nov. 2013

Tqis illi l-Att XI tal-2018 huwa car u t-twaqqif tal-proceduri a tenur tal-Artikolu 33(4) jolqot espressament u limitatament dawk il-proceduri kriminali istitwiti taht l-Att dwar l-Istampa. *Ubi lex voluti dixit* u l-Qorti tifhem li kieku l-legislatur ried li l-proceduri kriminali dwar ingurja taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 ghandhom jieqfu wkoll bl-istess mod bhal libelli kriminali, kieku kien jestendi l-effett tad-dispozizzjoni fuq imsemmija ghall-proceduri kriminali istitwiti taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9.

Barra minn hekk, jigi osservat illi minkejja l-abrogazzjoni tad-delitt tal-ingurja, ir-reat kontravvenzjonali tal-ingurja taht l-istess Kapitolu 9, ma giex imhassar bl-introduzzjoni tal-Att XI tal-2018 u baqa' mhux mittiefes. Ma jidher ebda hsieb razzjonali wara l-abrogazzjoni tad-delitt izda mhux tal-kontravvenzjoni, specjalment meta wiehed iqis li l-kondotta li twassal ghal entrambi reati, ossia l-ingurja, hija analoga u d-distinzjoni bejn iz-zewg reati tinsab fl-element formali tar-reat, cioe` t-tnaqqis tal-gieh tal-persuna ingurjata (fil-kaz tad-delitt taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9). Kif inhu risaput, sabiex jissussisti r-reat tal-ingurja taht l-Artikolu 252, jehtieg li l-insult jigi komunikat mhux biss lill-persuna ingurjata, izda wkoll lil terza persuna jew iktar.

Din il-konkluzjoni hija msahha ulterjorment bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpetazzjoni (Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta), li qeghdin hemm appuntu biex jipprovdu ghal dawk il-kazijiet fejn il-ligi ma tkunx ipprovdiet espressament, *inter alia*, dwar l-applikazzjoni kontinwata ta' reat abrogat. L-Artikolu 12 tal-Kapitolu 249 jipprovdi illi meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jhassar xi ligi ohra, diment li ma jidhirx hsieb kuntrarju, it-thassir m'ghandux:

*"(a) jerġa jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
*(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
*(c) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbilita' miksuba taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra*
*(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbilita' għal xi penali, konfiska jew piena bhal dawk;*
*(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi obbligazzjoni, responsabbilta', penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel;*
*u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu imposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.*"

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-regola generali enuncjata fl-imsemmi Artikolu 12, ma hijiex eskluza semplicement ghaliex il-ligi abrogattiva ma pprovdietx espressament *saving clause* jew dispozizzjoni transitorja ohra, u tqis li dan in-nuqqas *ut sic* ma jissodisfax il-kriterji mehtiega biex tinwera l-"*hsieb kuntrarju*" li jrid l-imsemmi Artikolu 12 biex jeskludi l-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tieghu. Kieku n-nuqqas ta' *saving clause* kellu jinftiehem f'kull kaz bhala l-"*hsieb kuntrarju*" mfisser fl-Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, tispicca kull utilita` tad-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu[11]. In propositu, taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Morgan Ehi Egbomon**[12] fejn ukoll gew applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 249 f'kaz fejn ir-reat in kwistjoni gie abrogat fil-mori tal-proceduri kriminali minghajr ma saret ebda dispozizzjoni transitorja biex tirregola l-pozizzjoni legali.

[11] Ara wkoll in propositu, **Il-Pulizija vs Frans Attard**, Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 7 ta' Frar 2014.
[12] Deciza 31 ta' Lulju 2014.

Konformament, u fl-assjem ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tislet il-konkluzjoni li ghall-finijiet tal-Artikolu 12 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni ma jidhirx il-hsieb li t-thassir *ut sic* tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 ghandu jolqot l-applikabbilita` kontinwata ta' dawk il-procedimenti legali pendenti dwar ir-reat ta' ingurja taht l-Artikolu 252 hekk imhassar. Fi kliem iehor, il-proceduri pendenti dwar ir-reat ta' ingurja regolat bid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 252 tal-Kapitolu 9 fiz-zmien tad-dhul fis-sehh tal-Att XI tal-2018, ma ghandhomx jitqiesu li ghandhom ukoll jieqfu b'effett immedjat bl-istess mod bhall-proceduri pendenti dwar libelli kriminali.

Ghaldaqstant, *ratione temporis*, bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 12(1)(d) u (e) tal-Kapitolu 249, l-Artikolu 252 ghadu japplika ghall-fini tal-gudizzju f'din il-kawza.

Ikkunsidrat;

Fl-istess waqt pero`, il-Qorti tqis li f'dan l-isfond ma tistax twarrab lanqas l-applikazzjoni tal-principju tad-dritt penali *nullum crimen, nulla poena sine lege*. Dan, wara kollox, huwa principju sancit mill-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem[13] li jipprovdu rispettivament illi:-

*39(8): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li, fil-hin meta jkun sar, ma jkunx jikkostitwixxi reat bhal dak, u ebda piena ma ghandha tigi mposta ghal xi reat kriminali li tkun aktar*

[13] Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

*severa fi grad jew xorta mill-oghla piena li setghet tigi mposta ghal dak ir-reat fiz-zmien meta jkun gie maghmul."*

*7(1): "Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar"*[14]

Illi dan il-principju isib il-fondament tieghu fil-hsieb li hija permezz tal-ligi biss li jista' jigi mfassal dak li jikkostitwixxi reat u il-piena ghat-twettiq tal-istess, tant illi l-korollarju ta' dan il-principju jinsab fil-jedd li persuna akkuzata b'reat ma tigix imposta fuqu piena aktar harxa mill-oghla piena li setghet tigi imposta fuqu fiz-zmien meta ikun gie kommess ir-reat[15].

Konformament, filwaqt li kif stabbilit, l-Artikolu 252 ghandu jkompli japplika bis-sahha tal-Artikolu 12 tal-Kapitolu 249, biex jirregola l-proceduri odjerni meta l-Qorti tigi biex taghti l-gudizzju taghha, ghandu jinghad ukoll li billi l-ligi u l-gurisprudenza taghna in materja ta' <u>non-retroattivita` tad-dritt penali sostantiv</u> hija cara, il-Qorti hija marbuta bis-sahha ta' dan il-principju li f'kaz ta' htija taht l-istess Artikolu 252, tiddetermina jekk hemmx piena aktar favorevoli vigenti fil-ligi ghall-istess reat u f'kaz affermattiv, tapplika l-iktar piena favorevoli ghall-imputata[16].

M'hemm l-ebda dubju illi r-reat tal-ingurja kontemplat fl-imsemmi Artikolu 339(1)(e), ghadu *in vigore* u, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk illum

[14] Is-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 7 jipprovdi ghal eccezzjoni li mhix relevanti ghall-kaz in dizamina.

[15] Ara: **Il-Pulizija vs Daniel Felice**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 22 ta' Settembru 2016.

[16] In propositu, l-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:- "Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."

wara l-abrogazzjoni tal-Artikolu 252 dan ir-reat ghandux jigbor fih ukoll id-delitt li kien kontemplat fl-Artikolu 252, huwa evidenti li l-piena skont l-Artikolu 339(1)(e) hija wahda kontravvenzjonali u kwindi ferm inferjuri ghall-piena li kien igorr id-delitt taht l-Artikolu 252.

Konformament, f'kaz ta' htija u bl-applikazzjoni tal-principju *nullum crimen, nulla poena, sine lege,* il-Qorti tista' tikkunsidra biss il-piena inferjuri skont l-imsemmi Artikolu 339(1)(e).

Ikkunsidrat;

Izda qabel tibda taghmel il-konsiderazzjonijiet dwar il-htija o meno tal-imputata ghar-reat taht l-Artikolu 252 a tenur tat-tieni imputazzjoni, il-Qorti ma tistax ma taghmilx is-segwenti osservazzjonijiet dwar l-elementi tad-delitt tal-ingurja taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9.

Ikkunsidrat;

Dan ir-reat, kif inhuwa risaput, ma huwiex ikkoncernat b'materjal stampat ghaliex l-ingurja li ssir permezz ta' materjal stampat ghall-fini tad-definizzjoni moghtija mill-Kapitolu 248 hija, jew ahjar kienet, regolata bid-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa - skont kif del resto kien jipprovdi l-Artikolu 256 tal-Kapitolu 9:-

*"Fil-kazijiet ta' ingurja li ssir bil-mezz tal-istampa, jgħoddu d-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa."*

Illi kif diga` accennat, ir-reat tal-ingurja taht l-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa distint mil-libell in kwantu dan tal-ahhar jezisti meta l-

ingurja ssir permezz ta' materjal stampat li jigi ppublikat[17]. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna konsistentement irritenew li ghall-fini tar-reat ta' ingurja kif kien jezisti taht l-Artikolu 252, kienet mehtiega l-prova li l-ingurja kienet intiza biex twaqqa' l-gieh tal-persuna ingurjata billi l-insulti jigu komunikati direttament jew indirettament lil terzi persuni. Izda, meta l-ingurja ghad li intiza biex tnaqqas l-unur jew il-gieh tal-persuna ingurjata, tkun stampata u pubblikata, din titqies bhala libell ghall-finijiet tal-Att dwar l-Istampa.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, moghtija fl-10 ta' Lulju 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

*"Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma' l- appellant li ingurja jew malafama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l- Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta' Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil-mezz ta' l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248".*

Illi, kif diga' nghad, il-kawza odjerna tirrigwarda allegazzjonijiet li saru permezz ta' atti gudizzjarji ossia kontenuti f'rikors u zewg affidavits, ipprezentati fl-atti ta' kawza civili quddiem il-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja]. Huwa ghalhekk evidenti li l-allegata malafama jew ingurja f'dan il-kaz saret b'mezz stampat u ghalhekk isegwi li l-ewwel akkuza kellha tigi akkampata fuq id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**, datata 22 ta' Settembru 2010[18], gie ritenut hekk in propositu:-

---

[17] Ara Artikolu 2 tal-Att dwar l-Istampa.
[18] Qorti tal-Appell Kriminali.

*"Din il-Qorti, bhalma ghamlet l-ewwel Qorti, sejra tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Sciberras et.*** *deciza fl-20 ta' Jannar 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta (Vol. LXXXI.iv.91). F'dak il-kaz, l-imputazzjoni migjuba kontra l-kwerelati ghal malafama kienet taht il-provvedimenti tal-Press Act. Hemm il-kwerelati kienu qeghdin jargumentaw illi l-ittra mertu tal-kaz ma kinitx intiza ghac-cirkolazzjoni ossia sabiex jigi mxandar u ghalhekk kienu japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti ma laqghetx dan l-argument u qalet hekk:*

*"Fil-fehma tal-Qorti, meta l-legislatur qed jitkellem dwar 'stampat b'tipi tipografici" ('printed in typographical characters', fit-test Ingliz) l-enfasi mhix fuq il-process tipografiku izda fuq ir-rizultat li wiehed jara stampat quddiemu, jigifieri li jara r-rizultat bhalma jhallu t-tipi li jintuzaw fil-process tipografiku. Jekk il-process ikunx dak tipografiku klassiku ('composing type and printing from it', Collins English Dictionary, 'v. typography'), jew process jew sistema, sia mekkanika kif ukoll elettronika jew kombinazzjoni tat-tnejn, li taghti rizultat finali simili ghal dak tipografiku (bhal, per ezempju, phototypesetting, l-uzu ta' typewriter, l-uzu ta' printer tal-kompjuter, diversi forom ta' offset printing) hu rrelevanti.*

*Kif inghad, l-ittra in kwistjoni (a fol. 3 tal-process) jidher li giet stampata bil-kompjuter b'tipi tipografici u ghalhekk tikkwalifika bhala 'stampat' ghall-finijiet tal-Kap. 248.*

*Ghal din il-konkluzjoni jidher ukoll li waslet ghaliha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Mejju, 1991, fil-kawza fl-ismijiet* ***Dr. Joseph M. Ciappara vs. Joseph Zammit*** *u li ghaliha ghamlet referenza ukoll l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Jekk, mill-banda l-ohra, ittra saret bit-typewriter, din ukoll tammonta ghal kitba stampata b'tipi tipografici (ara f'dan is-sens ukoll, ghalkemm taht l-allura Kap. 117, is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet allura tisma' appelli minn sentenzi tal- Qorti tal-Magistrati) tat-18 ta' Marzu, 1961 fl-ismijiet* **Tabib Dottor Henry Copperstone et al vs. Publio Schembri***);*

*Kwantu ghar-rekwizit tal-pubblikazzjoni, l-imsemmi Artikolu 2 tal-Kap. 248 jiddefinixxi pubblikazzjoni bhala li tfisser: 'Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra'.*

*L-appellanti jikkontendu li l-ittra kienet 'komunikazzjoni ufficjali ta' natura privata' mibghuta minnhom lill-kap tal-tal-Gvern u li ma kinitx ghall-finijiet ta' jekk hemmx 'pubblikazzjoni' fis-sens tal-Kap. 248. Stampat jigi ppubblikat anke jekk jigi kkomunikat jew imgharraf lil persuna wahda. Ghalhekk fetahx l-*

*ittra l-Prim Ministru personalment jew xi membru tas-segretarjat tieghu hi wkoll konsiderazzjoni rrelevanti galadarba l-fatti malafamanti ma kinux qed jigu attribwiti lill-Prim Ministru".*

Ikkunsidrat;

Fuq l-iskorta ta' dan l-insenjament pacifiku, il-Qorti tqis illi fil-kaz odjern, billi l-allegata ingurja evidentement saret permezz ta' kliem stampat li huwa manifestament accessibbli lil terzi persuni u gie effettivament ikkomunikat li terzi persuni, l-atti allegatament ingurjuzi koncernati jinkwadraw ruhhom car u tond fl-ambitu tad-definizzjoni ta' "pubblikazzjoni" u "stampat" imfissra fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 248. Konsegwentement, kellhom japplikaw, u l-proceduri odjerni kellhom jigu istitwiti taht, id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux il-Kapitolu 9, b'mod li d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 252 tal-Kapitolu 9 m'humiex applikabbli ghall-fattispecje ta' dan il-kaz u l-Qorti ma tistax ghalhekk issib htija fl-imputata ghall-imputazzjoni kif imfassla.

Maghdud dan, u fi kwalsiasi kaz, b'effett tal-Artikolu 33(4) tal-Att XI tal-2018, il-proceduri kriminali istitwiti u pendenti taht l-imsemmi Att dwar l-Istampa, ma setghux jitkomplew u ghandhom jieqfu. Daqstant kellhom jieqfu wkoll dawn il-proceduri anke kieku gew istitwiti korrettement taht il-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ma ssibx lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontriha u qieghda konsegwentement tilliberha minn kull htija u piena.

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat.**